MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 32/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**

**V**

**NICHOLAS AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NICHOLAS AGIUS** ta' sitta w ghoxrin sena bin John u Victoria nee Sammut, imwieled San Giljan nhar l-erbatax ta' Lulju 1976 u residenti Block G1, Flat 1, Housing Estate, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 355176M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda fis-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' apparat tal-HiFi minn diversi vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u l-

valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-Well Done Confectionery fi Triq il-Mensija, San Gwann, ikkommetta serq ta'top-up vouchers u telecards liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna ghd-detriment ta' Joseph Portelli minn San Gwann.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-istabbiliment Misty Blue fi Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-lukanda Palm Court fi Triq t-Tamar, Bugiebba ikkommetta serq ta' video recorder liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-lukanda Concorde fi Triq l-Hallel, Bugibba, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fil-gimgha ta' qabel s-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-lukanda Santana fi Triq Ghawdex, Qawra, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fil-gimghat ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-Jokers Café fi Triq x-Xatt, Sliema, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fix-xhur ta' qabel s-sittax ta' Awissu 2000 minn gewwa l-Eden Super Bowl fi Triq Santu Wistin, San Giljan ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-hin ghad-detriment tas-sidien rispettivi.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xzjentement laqa ghaneu gew xtara hwejjeg u cioe l-affarijiet imsemmija aktar 'l fuq misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kullmod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Talli fis-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin ghad-detriment tal-persuni imsemmija aktar 'l fuq.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 markat bhala dokument CSH 2 a fol 5 tal-atti odjerni.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Marzu 2003 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imkputat kif registrata fl-atti fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 dwar l-varji akkuzi ta' serq.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-akkuza ta' ricettazzjoni giet moghtija minnu b'mod alternattiv ghall-akkuzi ta' serq.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni t'ammissjoni ghal varji akkuzi ta' serq il-Qorti m'ghandhix triq oha salv li ssib lil imputat hati taghhom.

Semghet ix-xhieda tal-Probation Officer Carmen Borg fis-seduta tal-erbgha ta' Novembru 2003.
Ikkunsidrat:.

Illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal akkuza wahda registrata fis-sena 1997 meta l-imputat instab hati fuq akkuzi dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku meta nghata unconditional discharge ghal perjodu ta' tlett xhur.

Qiset dak li qalet il-Prosekuzzjoni u cioe li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tant li hafna mill-akkuzi moghtija lil imputat gew moghtija lilu fuq il-partecipazzjoni u ko-operazzjoni tieghu tul l-investigazzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument li rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar t-tmintax ta' Awissu 2000 kif jirrizulta mill-ezami tal-istess markat bhala dokument GA 1.

Illi l-imputat fil-present jinsab ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni kif stqarret l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg u fil-fatt skond informazzjoni li rceviet qed jaghmel progress kbir tant li llum fil-fatt kwazi spicca l-ewwel fazi ta' dan l-istess programm.

Illi mill-banda l-ohra pero l-imputat huwa akkuzat b'numru ta' serqiet u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc bejn l-interessi tas-socjeta li giet derubata u minn naha l-ohra l-gustizzja li trid taghmel mal-imputat li wara kollox hu wkoll jifforma parti mill-istess socjeta.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza bl-ordni ta' Ufficjal biex jaghmel supervizzjoni fuq l-imputat u dan bil-ghan li tali sentenza sservi bhal mannara fuq ras l-imputat sabiex jekk huwa jizbalja fil-perjodu operattiv taghha, l-istess imputat jkollu jiffaccja ghal darb'ohra il-gustuzzja, pero f'dak l-kaz il-Qorti ma thossx li ser jkollha tkun klementi.

Ghalkhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c)(d)(b)(f), 334, 325(b), 263, 267, 268, 278, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li ma ssibx lil imputat NICHOLAS AGIUS hati tal-akkuzi ta' ricettazzjoni u ta' hsara voluntarja** peress li dawn ma gewx ppruvati b'mod sodisfacenti **u ghalhekk tilliberah minnhom**, u tiddikjara li **ssibu hati tal-akkuzi kollha ta' serq u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija** b'dan pero li tordna a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **li** din il-piena ta' prigunerija **m'ghandix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erbgha snin mill-lum il-hati Nicholas Agius jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija** u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali qed **tpoggi lil istess Nicholas Agius taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg bhala ufficjal sorveljanti ghal zmien kollha tal-perjodu operattiv cioe dak ta' erbgha snin mill-lum** u bhala wahda mill-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni, l-imputat probationer **ghandu jispicca l-kors kollu ta' rihabilitazzjoni** li huwa beda ma Santa Marija.

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat kemm r-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul il-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti ta' dan l-ordni ta' supervizzjoni.**

**In oltre, il-Qorti qed tikkundanna lil hati li <u>jhallas multa ta' mitejn lira maltin liema multa ghandha tithallas in kwantu ghal mitt lira maltin sa zmien sena mill-lum u l-mitt lira bilanc sa zmien sentejn mill-lum</u>.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil istess hati Nicholas Agius u lil Ufficjal tal-Probation Carmen Borg.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------